



2024/134

25.1.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 145/2021**

**tat-23 ta' April 2021**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/134]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1000 tad-9 ta' Lulju 2020 li jikkoreġi ċerti verżjonijiet tal-lingwa tar-Regolament (UE) Nru 1253/2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-ekodisinn tal-unitajiet ta' ventilazzjoni <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħieġ għalhekk, li l-Annessi II u IV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 6l (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014) tal-Kapitolu IV tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32020 R 1000**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1000 tad-9 ta' Lulju 2020 (ĠU L 221, 10.7.2020, p. 105).”

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 26m (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014) tal-Anness IV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32020 R 1000**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1000 tad-9 ta' Lulju 2020 (ĠU L 221, 10.7.2020, p. 105).”

*Artikolu 3*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2020/1000 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2021, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE \*.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 221, 10.7.2020, p. 105.

\* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2021.

*Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Clara GANSLANDT

---